# *KARKARIŻI LI MIETU BIEX JIDDEFENDU U JEĦILSU L-PAJJIŻHOM*

Jikteb il-KAN. VINC. BUHAGIAR

"L-għada fil-għodu, stakkament ta' suldati Franċiżi, kienu telgħin lejn il-Belt Antika i.e. l-Imdina, meta ġew attakkati u mġiegħla jerġgħu lura lejn il-Belt Valletta, minn xi nies tal-kampanja, immexxija minn Ċensu Borg, imlaqqam Brared[1].

Napuljun Bonaparte kien xeħet għajnejh fuq Malta, li kienet taħt is-sovranità tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' Ġerusalemm bil-Gran Mastru Ferdinandu von Hompesch, Awstrijak. Taħt skuża li l-bastimenti tiegħu kellhom bżonn ta' l-ilma għax-xorb, flok ma' daħħal ftit bastimenti tal-gwerra skond ma kienet tippermetti l-liġi, huwa żbarka f'diversi partijiet tax-xtut ta' Malta, bil-għan li jaħtaf il-gżira qabel ma' din taqa' f'idejn ir-Russja, l-Awstrija jew l-Ingilterra[2]. Fis-sagħtejn ta' fil-għodu tat-18 ta' Ġunju, il-Gran Mastru tkeċċa 'l barra minn Malta; il-Ministru Russu O'Hara u sudditi Russi u Portugiżi, u l-bqija tal-Kavallieri fi żmien ta' siegħat kellhom jitilqu. Malta kienet mogħtija mir-Re Karlu V (Spanja) is-Sovranità b'kuntratt tal-24 ta' Marzu, 1530, maħruġ minn Kastel Franko. Il-Franċiżi għamlu ħafna wegħdi sbieħ, imma ma' żammewhomx. Il-Maltin malajr iddarsu bl-imġieba ħażina tal-ħakkiema ġodda. Huma serqu kemm felħu affarijiet prezzjużi, u meta waslu biex jirkantaw it-tapezzerija tal-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu fl-Imdina, kien mument bħal xrara ta' suffarell nar fil-porvli biex qajjem il-Maltin. Għalhekk kien tiela' dan l-istakkament ta' suldati Franċiżi fl-Imdina, biex jinforza l-qagħda tagħhom hemmhekk.

Ċensu Borġ minn Birkirkara, iben Wiġi (1767-1837)[3], kien bniedem negozjant, moħħu jilħaqlu, u kien jaf iħaddem ilsienu tajjeb. Sema' b'dak li kien ser jiġri. Imma aħjar inħallu 'l Ċensu Borg jirrakkonta hu l-ewwel taqbida kontra l-Franċiżi:

Il-Ħadd, 2 ta' Settembru, 179?, fil-għaxija kmieni telaq (Borg) minn Birkirkara, pajjiżu lejn il-Belt il-Qadima fejn kellu biċċa xogħol x'jaqdi, u fit-triq sema' xi sparar 'l hawn u 'l hemm u mill-Imdina, tant li qanqallu l-kurżità. Malli wasal fuq is-Saqqajja, qalulu li l-Maltin qegħdin joħduha kontra l-Franċiżi. Bla telf ta' żmien reġa' niżel lura, waqaf f'Ħ'Attard biex jgħidilhom jippreparaw l-armi li kellhom, u baqa' sejjer lejn

Birkirkara; kien riesaq il-lejl ġmielu. Hawn ukoll huwa ħejja n-nies għat-taqbida ta' malajr. Dak il-ħin stess bagħat lil Franġisku, mlaqqam "tal-miġnuna" lejn l-Imdina biex iwassallu l-aħbarijiet ta' dak li kien qed jiġri[4].

Imqanqal mill-biża' tat-telfa ta' pajjiżu u n-nies sħabu, bi spirtu qawwi u b'fidi sħiħa biex isalva r-Reliġjon Nisranija ta' Malta, ma tilifx żmien biex jorganizza kampanja biex tilqa' u twaqqaf l-abbużi li kienu qegħdin isiru. Ġabar malajr lil kull min seta' jgħin u ifforma armata żgħira; hu ħataf il-batterija li kien hemm f'San Ġiljan u ġarr nofs kartell polvri, u wara qabad ukoll dik ta' San Ġorġ wara xi reżistenza. B'kollox akkwista disgħa u għoxrin biċċa tan-nar. Is-Suldati ta' Ċensu Borġ, imsejħa "kaċċaturi" ikkargaw l-ixkubetti tagħhom b'dak il-porvli.

Ma' tlugħ ix-xemx ta' l-għada fil-għodu, 3 ta' Settembru, 1798, in-nies li kienu għassa fuq il-kampnar tal-knisja tal-parroċċa, lemħu stakkament ta' suldati Franċiżi riesaq min-naħa tal-Bombi, ħiereġ mill-Belt Valletta. Ma' l-ewwel tokk tal-qanpiena n-nies ta' Brared ħejjew id-29 biċċa tan-nar, u bosta nies tal-kampanja bl-għodod tar-raba', u ġebel resqu lejn it-triq li twassal għall-Imdina. Hawn raw li kien hemm madwar 300 suldat Franċiż javanzaw, għalhekk Brared resaq bin-nies lejn l-Imrieħel, iżda ma kienitx ħaġa possibbli li jattakkawhom mill-bogħod, il-Karkariżi qabżu għal fuqhom bħal iljuni u bdew jiġġieldulhom sider ma' sider. Irnexxilhom joqtlu l-kmandant Franċiż u erba' uffiċjali u ferew bosta mis-suldati li b'diffikulta' mhux żgħira rnexxilhom jaħarbu lura minn fejn ġew. Brared ukoll tilef xi nies minn tiegħu[5].

U hawn se nitkellem fuq dawk li ħallew ħajjithom f'dik it-taqtigħa ħdejn l-arkata l-baxxa ta' l-Imrieħel. Kien attakk li qajjem l-ispirtu tal-Maltin biex iqumu u jeħilsu lil pajjiżhom. Id-dokument imsemmi ta' Brared, isemmi lil Anġlu Mallia u Ġanni Borg, li waqgħu mejta fuq il-post; iżda jiena fittixt fl-Arkivju tal-parroċċa ta' Birkirkara fir-reġistru tal-mejtin u sibt aktar dettalji[6]: Ġanni Borg ta' 40 sena, iben il-mejjet Giuseppi miet fit-3 ta' Settembru, 1798, u ma kellux ix-xorti li jirċievi l-aħħar sagramenti, il-katavru tiegħu ġie trasportat għall-parroċċa ta' S. Liena u midfun fis-Sotterran tagħha. Fl-istess jum miet ukoll Anġlu Mallia ta' 50 sena, iben Franġisku f'din it-taqbida kontra l-Franċiżi; hu ukoll bħal Ġ. Borg ma kellux l-assistenza fl-aħħar mumenti ta' ħajtu. Il-katavru tiegħu kif jidher ġie midfun hemm stess fil-ħamrija minħabba l-gwerra. Insibu wkoll oħrajn: Tony Uzzini, ta' 60 sena, milqut u ferut mill-għadu, wassluh id-dar għall-kura, irċieva l-aħħar sagramenti u miet fil-5 ta' Ottubru, kważi xahar wara. Ġie midfun fil-parroċċa.

Vinċenzo Borg, ta' 55 sena, iben il-mejjet Salvu, fl-istess taqbida ġie ferut u ħaduh id-dar; hu wkoll kellu x-xorti li jirċievi l-aħħar sagramenti, imma miet fis-6 ta' Ottubru, l-għada li miet T. Uzzini, u indifen fil-parroċċa ta' S. Liena. Ġwanni Borg ta' 19-il sena, iben Nazju, milqut u ferut mill-Franċiżi ħaduh għall-kura d-dar, iżda baqa' inewni bil-mod il-mod; ġew lilu amministrati s-sagramenti bħal l-aħħar konfort

spiritwali, u miet. Sarlu funeral għall-knisja parrokjali u kolleġjata ta' S. Liena b'akkompanjament ta' tmien saċerdoti u ġie bħal sħabu midfun fl-istess knisja.

Dan ma jfissirx li kienu dawn-biss il-Karkariżi li ħallew ħajjithom fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi fl-ibliet mdawra bis-swar, iżda hemm oħrajn li taw sehemhom, u ċarċru demmhom f'okkażjonijiet oħra diversi[7]. Anki lil dawn ma rridux ninsewhom, għall-kuraġġ u sagrifiċċju qalbieni li wrew biex żammew Malta ħielsa mill-kefrija tal-Barranin. Il-Mulej Alla jagħtihom il-premju li ħaqqhom, u niżżuħajr 'l Alla għax illum qegħdin ingawdu l-frott tas-sagrifiċċju tagħhom għalina.

## RIFERENZI


1. V. Busuttil: A Summary of the History of Malta, Malta 1899. p.108.
2. Andrew P. Vella: Storja ta' Malta, Malta 1979, Vol.2. pp. 202, 203.
3. Uffiċċju Parr. Birkirkara. Libro Battesimo, u Libro Morte.
4. Arkivju Kapitol. Elenjan: Deskrizzjoni tal-ħidma ta' V. Borg; 3 Sett. 1880. ATTI VINC. ALLEGRITTO.
5. Ibidem.
6. Uffiċċju Parr. Birkirkara: Libro Morte (1702 - 1800).
7. Atti, Nutar Saver Zarb, 10 ta' Marzu, 1804.



Karobes

THE GREATEST NAME IN CAR SEAT COVERS





Available from

TYRE SERVICES LTD.

Old Railway Track
St. Venera
Tel: 496850